

tad-Direttiva, għandu jitqies bħala persuna taxxabbli, anki jekk l-imsemmija provvista hija użata biss għall-bżonnijiet ta' dawn l-attivitajiet tal-aħħar.

(¹) ĠU C 183, 4.8.2007.

Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja (It-Tieni Awla) tas-6 ta' Novembru 2008 (talba għal deċiżjoni preliminari tal-Conseil d'État — Franza) — Association nationale pour la protection des eaux et rivières — TOS vs Ministère de l'Écologie, du Développement et de l'Aménagement durables

(Kawża C-381/07) (¹)

(Tniġġiż tal-ambjent akwatiku — Direttiva 2006/11/KE — Artikolu 6 — Sustanzi perikolużi — Skariki — Awtorizzazzjoni minn qabel — L-istabbiliment ta' livelli ta' emissjoni — Sistema ta' dikjarazzjoni — Trobbija tal-ħut)

(2008/C 327/07)

Lingwa tal-kawża: Il-Franċiż

Qorti tar-rinviju

Conseil d'État

Partijiet fil-kawża prinċipali

Rikorrenti: Association nationale pour la protection des eaux et rivières — TOS

Konvenut: Ministère de l'Écologie, du Développement et de l'Aménagement durables

Suġġett

Talba għal deċiżjoni preliminari — Conseil d'État — Interpretazzjoni tal-Artikolu 6 tad-Direttiva 2006/11/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, tal-15 ta' Frar 2006, dwar tniġġiż ikkawżat minn ċerti sustanzi perikolużi skarikati fl-ambjent akwatiku tal-Komunità (ĠU L 64, p. 52) — Bżonn ta' awtorizzazzjoni minn qabel, li tistabbilixxi l-livelli ta' emissjoni għal kull skariku, magħmul fl-ilmijiet, li jista' jkun fih xi sustanza perikoluża — Konformità tar-regoli nazzjonali li jissostitwixxu l-awtorizzazzjoni minn qabel b'sempliċi sistema ta' dikjarazzjoni fir-rigward tat-trobbija tal-ħut iżda madankollu, b'referenza għall-istandards ta' kwalità ambjentali applikabbli u bi dritt tal-awtorità amministrattiva kompetenti li toponi l-ftuħ tal-impjant jew li timponi limiti ta' skariku għall-installazzjoni kkonċernata.

Dispożittiv

L-Artikolu 6 tad-Direttiva 2006/11/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, tal-15 ta' Frar 2006, dwar tniġġiż ikkawżat minn ċerti sustanzi perikolużi skarikati fl-ambjent akwatiku tal-Komunità, ma jistax jiġi interpretat bħala li jippermetti lill-Istati Membri, ladarba jiġu adottati, skont dan l-artikolu, programmi għat-tnaqqis tat-tniġġiż tal-ilmijiet li jinkludu standards ta' kwalità ambjentali, li jistabbilixxu, għal ċerti installazzjonijiet meqjusa li għandhom livell baxx ta' tniġġiż, sistema ta' dikjarazzjoni b'referenza għal dawn l-istandards, u dritt, għall-awtorità amministrattiva, li toponi l-ftuħ tal-impjant jew li timponi limiti ta' skariku għall-installazzjoni kkonċernata.

(¹) ĠU C 269, 10.11.2007.

Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja (It-Tieni Awla) tas-6 ta' Novembru 2008 — Ir-Renju tal-Olanda vs Il-Kummissjoni tal-Komunitajiet Ewropej

(Kawża C-405/07 P) (¹)

(Appell — Artikolu 95(5) KE — Direttiva 98/69/KE — Miżuri li għandhom jittieħdu kontra t-tniġġis tal-arja b'emissjonijiet minn vetturi bil-mutur — Dispożizzjoni nazzjonali derogatorja li tantiċipa t-tnaqqis tal-valur limitu Komunitarju għall-emissjonijiet ta' partiċelli prodotti minn ċerti vetturi ġodda b'magna diesel — Rifjut tal-Kummissjoni — Natura speċifika tal-problema — Obbligu ta' diliġenza u obbligu ta' motivazzjoni)

(2008/C 327/08)

Lingwa tal-kawża: L-Olandiż

Partijiet

Appellant: Ir-Renju tal-Olanda (rappreżentanti: D.J.M. de Grave u C.M. Wisels, aġenti)

Partijiet oħra fil-proċeduri: Il-Kummissjoni tal-Komunitajiet Ewropej (rappreżentanti: M. Patakia, H. van Vliet u A. Alcover San Pedro, aġenti)

Suġġett

Appell mis-sentenza tal-Qorti tal-Prim Istanza (Ir-Raba' Awla) tas-27 ta' Ġunju 2007, Ir-Renju tal-Olanda vs Il-Kummissjoni (T-182/06), li permezz tagħha l-Qorti tal-Prim Istanza ħadhet it-talba għall-annullament tad-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2006/372/KE, tat-3 ta' Mejju 2006, dwar abbozz ta' dispożizzjonijiet nazzjonali nnotifikat mir-Renju tal-Olanda skont l-Artikolu 95(5) KE u li jistabbilixxi limiti fuq l-emissjoni ta' partiċelli minn vetturi b'magna diesel (ĠU 2006 L 141, p. 16).